VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,114, 26 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 226 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Engineering taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Engineering u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Engineering - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija, ippubblikati bħala Avviż Legali 74 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' massimu ta' 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' massimu ta' 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord."